***- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –***

***- ARTIKOLU 19 (1) (d) (f) TAL-KAP 255 –***

***- KONTUMACJA F'KAZ TA' NULLITA' TA' ZWIEG -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 29 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 24**
**Citazzjoni Numru: 468/00/RCP**

**Giulio Farrugia**

**vs**

**Raquel Anne Farrugia**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-7 ta' Mejju, 1995 (Dokument "A");

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Mejju, 1995 huwa null u minghajr effett fil-ligi;

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet kontendenti fis-7 ta' Mejju, 1995 huwa null u minghajr effett fil-ligi u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha konsegwenzjali li jkunu opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-konvenuta prezenti tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh u bic-citazzjoni w inghatat kopja *seduta stante* u ghalhekk inghatat 20 jum biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u l-kawza giet differita ghall-21 ta' Frar 2002.

Rat il-verbali tal-21 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Ramona Frendo biex tigbor il-provi u tirrelata dwar l-istess, tat-3 ta' Lulju 2001, tat-30 ta' Ottubru 2001, tat-13 ta' Frar 2002 u tad-9 ta' Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta. Dehret Dr Ramona Frendo li halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2002.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda hemm moghtija (fol 13 sa fol 21).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(A) L-AZZJONI ATTRICI.</u>

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the*

*union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati.".*

Illi fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta'

Mejju 2000); u **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

Illi wiehed jinnota li l-konvenuta ma pprezentat ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci, pero' huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni, izda opposizzjoni u ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk il-provi prodotti waslux ghall-konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita' tal-istess zwieg.

Illi dan ghandu sinifikat iktar partikolari f'kazijiet ta' din ix-xorta ghaliex anke fil-kaz ta' ammissjoni tat-talbiet attrici f'kaz ta' nullita' ta' zwieg fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG"** gie affermat il-principju *"din il-Qorti ma kienitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim'Awla, 4 ta' Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995**); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"**, (Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard***

***nee' Goodlip"**, (Prim'Awla, 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"**, (Prim'Awla, 16 ta' Settembru 1996)*.

**B. PROVI PRODOTTI.**

Illi fis-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2001, l-**attur** minn jeddu xehed: -

*"Jiena nikkonferma d-Dikjarazzjoni li kont ghamilt meta giet pprezentata l-kawza. Ghall-habta tal-Milied ta' l-1999, jiena u Raquel konna sseparajna konsenswalment, u minn dak iz-zmien bdejna nghixu separati.*

*Jiena u Raquel domna gharajjes xi erba' jew hames snin. F'dan iz-zmien, gieli tkellimna dwar il-possibilta` illi jkollna t-tfal. Raquel qatt ma tatni indikazzjoni li ma riditx illi jkollha t-tfal. L-aktar li waslet kien li tissuggerixxi illi wara li nizzewgu nistennew ghal certu zmien, forsi sena, qabel nibdew familja.*

*Ahna zzewwigna fis-7 ta' Mejju 1995. Wara li zzewwigna, jiena kont inzomm lura mis-suggett tat-tfal u anke kont niehu prekawzjonijiet meta konna nkunu intimi sesswalment, u dan matul l-ewwel sena peress illi ahna konna ftiehmna fl-gherusija illi ma jkollniex tfal mill-ewwel. Dwar jekk Raquel, min-naha taghha, kinitx tiehu kontracettivi jew le, jiena ma nafx.*

*Meta konna ilna sena mizzewgin, Raquel bdiet tistudja ghaliex riedet taqbad karriera fit-turizmu. Konna ghamilna studju u aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar konna nispiccaw hi fl-istudju u jien quddiem it-televizjoni. Minhabba f'hekk, l-intimita` bejnietna naqset u kienet dejjem tmur ghall-aghar aktar ma jghaddi z-zmien.*

*Peress illi Raquel kienet qieghda tistudja, ghall-ewwel, anke wara li ghaddiet l-ewwel sena taz-zwieg taghna, jiena ma kontx inqajjem il-kwistjoni tat-tfal. Sadanittant, ahna konna wkoll xtrajna kompjuter u dar tal-villeggatura u l-argument ta' Raquel kien li minhabba din is-sitwazzjoni finanzjarja, ahjar dwar it-tfal nistennew.*

*Jiena dwar dan gieli gie d-diskors anke ma' omm il-mara u din min-naha taghha lil Raquel kienet tghidilha li ghandna flus ghal kollox, hlief ghat-tfal. Dan it-tip ta' diskors l-aktar li beda jqum kien meta Raquel kienet ga` ilha tistudja xi sena u allura meta ahna konna ilna bejn sentejn u tliet snin mizzewgin.*

*Jiena issa bdejt inhoss illi l-punt li kienet tqajjem Raquel dwar is-sitwazzjoni finanzjarja kienet biss skuza ghaliex jiena kelli job tajjeb. Bdejt niddejjaq ghaliex aktar ma jghaddi z-zmien, aktar il-mara kienet izzid fl-istudju.*

*F'dan iz-zmien, meta Raquel indunat li jiena xtaqt illi issa jkollna t-tfal, bdejt ninnota illi l-mara, meta kien ikollna*

*relazzjonijiet sesswali, kienet taghmel minn kollox biex tizgura ruhha illi ma kien hemm l-ebda possibilita` ta' tqala, bhal per ezempju tixghel id-dawl f'nofs l-att sesswali.*

*Jiena din is-sitwazzjoni bdiet iddejjaqni ghaliex kont cert illi Raquel kienet taf illi jiena nixtieq it-tfal ghax wara kollox, anke l-familja taghha kienu jafu b'din ix-xewqa. Jiena ma ridtx illi nisfurzaha, pero` din ma kinitx l-idea tieghi ta' familja.*

*Minhabba f'din il-problema, bdew iqumu hafna argumenti u avolja konna nghixu f'dar wahda konna ma nikkomunikaw kwazi xejn u bdejna qiesna nghixu hajja separata. Darba minnhom kellna argument shun u Raquel bdiet toqghod wahedha l-villeggjatura fil-Mellieha, filwaqt li jien inzilt noqghod Santa Venera. Kien hawnhekk li mbaghad konna fittixna parir legali, u fil-fatt wara ftit xhur isseparajna legalment.*

*Matul iz-zwieg taghna, kien hemm okkazjonijiet fejn ahna ddiskutejna dil-kwistjoni tat-tfal. Raquel kienet tghidli li tibza' li jkollha t-tfal ghaliex kellha habiba taghha li mietet bit-tarbija. F'okkazjonijiet ohra qaltli li hi tibza' mill-esperjenza tal-hlas u jekk xi darba tkun f'din is-sitwazzjoni, kienet tippreferi li twelled b'sistema cesarja. Kienet tghidli wkoll dwar l-esperjenza t'ohtha li minn tfajla sabiha, wara li kellha hamest itfal, kienet hxienet u ntelqet. Jiena kien jidhirli li dawn kienu kollha skuzi inaccettabli."*

Illi fl-istess seduta tat-8 ta' Mejju 2001, kienet xehdet ukoll **Valerie Scicluna**, prodotta mill-attur, li ddikjarat: -

*"Jiena nigi l-mama` ta' Raquel. Qabel ma zzewget, Raquel gieli qaltli illi tibza' mit-tfal, bhal per ezempju tara xi stampa jew film li juri l-hlas. Haga komuni li wiehed jibza' mill-hlas. Kienet tghidha very lightly.*

*Wara li Raquel u Giulio zzewwgu, kull meta xi hadd kien isemmi t-tfal jew il-possibilita` li Raquel ikollha t-tfal, imqar b'cajt, Raquel kienet tiehu ghaliha u titlaq.*

*Jiena ghandi tifla ohra li ghandha hamest itfal. Meta kienu jkunu d-dar u jinzerta hemm ukoll Giulio u Raquel, Giulio kien jipprova jhajjarha li jkollhom it-tfal huma wkoll. Raquel, b'mod pjuttost arroganti kienet tiksru u tghidlu kliem bhal "mela le, ggibu int fid-dinja t-tifel? La ggibu int, ikollna tfal."*

*Illi mieghi Raquel kienet ukoll ammettiet illi tiehu l-contraceptive pill biex tkun certa li ma tinqabadx tqila.*

*Jiena lit-tifla dejjem kont nipprova nhajjarha biex ikollha t-tfal. Sadanittant Giulio kien xtralha kelb u Raquel vera kienet saret thobbu. Jiena kont nipprova nispjegalha li jekk ikollha tarbija, l-imhabba lejha kienet tkun hafna akbar. Raquel kienet tissuppervja u tghidli biex ma nindahalx fl-affarijiet taghha.*

*It-tifla l-ohra tieghi, Fiona, gieli qalet lil Raquel quddiemi, li kienet ser twarrab xi hwejjeg tal-baby u ha zzommhom ghal meta Raquel ikollha taghha. Raquel kienet b'mod 100% cert minnha nnifisha tghidilha biex tarmi kollox ghax hi ma riditx la hwejjeg tat-tfal u lanqas tfal.*

*Il-fatt li Raquel ma riditx tfal, wara z-zwieg, u iktar ma beda jghaddi z-zmien, ma baqax sigriet u sar jaf kulhadd fil-familja u anke hbieb tieghi.*

*Illi wara li zzewwget, Raquel, apparti li kienet tahdem full-time, kienet dejjem tara x'tivvinta. Daqqa ser iggib l-IATA, daqqa tistudja t-Taljan u x'naf jien.*

*Illi darba jiena kont ghidtilha meta ntbaht li l-kamra li suppost kienet is-second bedroom, f'daqqa wahda ghamlitha studju. Ir-risposta taghha kienet li studju riedet ghax mohha nfetah issa u riedet tistudja issa.*

*Darba meta Raquel u Giulio kienu ilhom mizzewgin xi sentejn u nofs, niftakar kienu qed jieklu ghandi l-Hadd, flimkien mal-bqija tal-familja. Giulio beda jippressaha u jistaqsiha meta se jkollhom imqar tifel wiehed u biex taghtih indikazzjoni meta. Qaltlu Raquel, b'mod daqsxejn arroganti avolja quddiem hutha, li ma riditx tfal sakemm ma setax igibhom hu u jrabbihom hu.*

Illi **Joseph Scicluna** xehed fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2001 u kkonferma: -

*"Jiena nigi missier il-konvenuta Raquel. Meta Raquel izzewget lil Giulio, matul l-ewwel sena taz-zwieg taghhom, jiena kont ninnota illi kollox miexi sew bejniethom. B'danakollu, meta beda ghaddej iz-zmien, bdejt ninnota illi kien hemm problemi. Giulio kien tarrafli illi Raquel kienet "problema" u li ma setghetx tissettilja. Skond hu, Raquel kienet dejjem tara x'tivvinta, daqqa l-istudju, daqqa trid kompjuter, ecc. Barra minn hekk bdew jinqalghu problemi ohra bejniethom, tant li kien jidher li lanqas setghu jibqghu jittolleraw lil xulxin.*

*Nahseb illi jiena sirt naf illi Giulio u Raquel kellhom problema dwar jekk ikollhomx tfal jew le, xi sena u nofs jew sentejn wara li zzewwgu.*

*Ma niftakarx meta jew kif sirt naf ezattament. Biss kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn jiena rrealizzajt b'dil-problema. Niftakar darba, Giulio lil Raquel kien xtralha kelb u jien lil Giulio kont ghidtlu, meta rajt kemm Raquel kienet thobb il-kelb, illi Raquel ma ddumx ma tithajjar biex ikollha tarbija. Izda Guilio qalli li din kienet bicca iebsa hafna. Qalli li issa Raquel kienet qed tghidlu li ma riditx tfal ghal issa, u dejjem tipposponi minn sena ghall-ohra. Giulio kien ta' opinjoni li peress li kien xi ftit akbar minnha, ma xtaqx jistenna aktar u fuq dina il-haga ma kienx qed jaqbel maghha.*

*Mic-cajt illi kien ikun hemm quddiemna bejn Raquel u Giulio, jien naf illi huma ma kienux jaghmlu l-att sesswali komplet. Stajt nifhem illi kienu juzaw il-withdrawal system.*

*Darb'ohra niftakar okkazzjoni fejn konna qed nitkellmu bejnietna u Raquel daret b'rabbja lejn Giulio u staqsietu jekk kienx lest li jqum bil-lejl u jbiddel it-hrieqi jekk ikollhom tarbija.*

*Illi xi sentejn ilu, hu Raquel, Jonathan, kellu tarbija u peress illi jien naf li, min-natural taghha, Raquel tithajjar minn dak li jaghmel haddiehor, iccajtajt ma' Raquel fis-sens li issa kienet tithajjar hi wkoll ghal tarbija. Raquel ghamlet wiccha ikrah ("she frowned") u qaltli "le mhux jien", b'mod li lili ssorprendietni ghaliex id-diskors ta' qabel kien qed isir b'mod legger u ma ppretendejtx li se tirrispondini b'dak il-mod.*

*Illi meta jiena nnotajt dawn l-incidenti kollha, u barra minn hekk kien ghaddej iz-zmien u l-affarijiet flok irrangaw kienu aktar qed jitharbtu, allura fhimt illi dina l-problema tat-tfal kienet wahda serja u li qed taffettwa dan iz-zwieg. Nahseb illi l-problemi zghar ta' intolleranza li kellhom bejniethom Raquel u Giulio bhal per ezempju li Raquel saret eccitata u tahtaf lil kulhadd, gejja u sejra ghand it-tabib; ma thallix lil Giulio jistrieh; Giulio min-naha tieghu ma jigix id-dar wara li tkun sajritlu – jiena fhimt allura illi dawn il-problemi kienu kollha riflessjoni tal-problema principali tat-tfal*."

Illi l-konvenuta **Raquel Anne Scicluna** xehdet minn jeddha fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2001 u ddikjarat: -

*"Jiena lil Giulio kont ilni nafu xi tliet snin qabel ma zzewwigna. Il-kwistjoni dwar il-formazzjoni tal-familja ma nistax nghid li qatt giet diskussa profondament bejnietna – ma kinitx kwistjoni ta' importanza ghalina. Tkellimna xi darba jew darbtejn imma ma kinitx daqshekk importanti.*

*Illi qabel ma zzewwigna, jien kont ghadni ma bdejtx nistudja. Dak iz-zmien kont iffissata fil-fatt illi jkolli dar tieghi. Ridt kollox perfett – sal-purtieri kelli lesti qabel izzewwigt. Id-dar hadt hsieb nirrangaha jien wahdi. Ma tantx kont nikkonsulta ma' Giulio, avolja f'certi affarijiet, bhad-dawl u l-madum, kien ighinni, imma l-aktar jien kont niehu hsieb kollox. Sa dak iz-zmien, lanqas biss kelli f'rasi li naqbad karriera, ghalkemm il-hsieb tieghi dejjem kien li nkompli nistudja. Imma dak iz-zmien, din ma kinitx kwistjoni ta' importanza ghalija.*

*Illi li gara kien, illi wara li zzewwigna, sibt illi kelli hafna aktar hin hieles, u ghalhekk iddecidejt li dan kien iz-zmien ideali biex inkompli nistudja. Aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar beda jsir importanti l-istudju u l-karriera – hafna aktar importanti miz-zwieg u dejjem kont inzid fl-istudju – dejjem nivvinta affarijiet godda fl-istudju, u z-zwieg ma bqajtx naghtih importanza.*

*Illi din it-tendenza ta' l-istudju bdiet xi ftit xhur wara li zzewwigna. Jien fil-fatt bdejt nistudja f'Mejju, u malajr spiccajna li jiena u Giulio bdejna nghixu hajja separata – kulhadd ghal rasu. Jien dejjem fl-istudju u Giulio jew imur ghand il-genituri tieghu, jew ikun xoghol.*

*F'dan iz-zmien, bdew jinqalghu problemi ta' komunikazzjoni bejnietna, anke fuq affarijiet trivjali. Dak iz-zmien, la kont insib cans u lanqas kien ikolli aptit inkellem lil Giulio.*

*Meta konna ilna mizzewgin xi tmienja jew disa' xhur, Giulio kien beda jqajjem il-kwistjoni tat-tfal. Jien kont nipprova nahrab minn dil-kwistjoni u dejjem insib xi skuza.*

*Illi meta nghid li jien kont nahrab mis-suggett tat-tfal, infisser illi dan kien kemm verbalment u kif ukoll fizikament. Dan kien agir konsistenti da parti tieghi. Fil-fatt, malli Giulio beda jsaqsini l-ewwel darba sabiex ikollna t-tfal, jien hadt hsieb illi niehu l-contraceptive pill, sabiex b'hekk jekk xi darba accidentalment, ikun hekk intimita` b'mod li nista' nohrog tqila, inkun certa li dan ma kienx possibli.*

*Illi l-ewwel darba li Giulio kellimni fuq dil-bicca xoghol, donnu ma tantx ta kaz. Imma malli ghidtlu l-istess diskors it-tieni u t-tielet darba, beda jinkwieta u din bdiet issir problema serja. Fil-fatt, jekk ghall-bidu kont ingib skuza u nghid li ridt nistenna qabel ikolli t-tfal, aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar bdiet tohrog il-verita`: li jien ma ridtx tfal ghal zewg ragunijiet: - l-ewwel nett ghax jien kont nibza'*

*mill-esperjenza tal-hlas peress illi kelli habiba tieghi meta kelli sittax-il sena, li kienet mietet waqt il-hlas u din baqghet impressjonata go mohhi. It-tieni ragun ghaliex jiena ma ridtx illi jkolli t-tfal kienet ghaliex aktar bdejt naghti importanza lill-karriera tieghi, b'mod illi t-tfal bdejt narahom bhala "hela ta' hin". Ma ridtx naghti l-hin ghat-tfal biex malli jkollhom is-sittax-il sena jitilqu. Barra minn hekk jiena qatt ma kont inhoss maternal feelings – u dan ghadni sal-lum.*

*Illi Giulio baqa' jinsisti illi jrid it-tfal u jien bqajt assolutament noggezzjona ghal dan il-fatt. Din il-kwistjoni flimkien mal-fatt illi jiena poggejt il-hajja mizzewga tieghi bhala l-ahhar haga f'hajti, wasslu ghat-tifrik taz-zwieg taghna.*

*Illi fuq domanda tal-Perit Legali, niddikjara illi Giulio qatt ma kien jaf illi jiena kont niehu l-contraceptive pill."*

## C. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' FATT.</u>

Illi mill-provi skond l-perit legali Dr. Ramona Frendo jirrizulta illi hija kkonkludiet li l-partijiet iccelebraw zwieg bejniethom fis-7 ta' Mejju 1995, wara perijodu ta' circa tlieta (3) jew erba' (4) snin gherusija. Jidher illi qabel iz-zwieg, kien hemm ftit li xejn okkazjonijiet fejn tqajmet il-kwistjoni dwar jekk il-partijiet kellhomx ikollhom tfal fiz-zwieg. Effettivament, qatt ma saru diskussjonijiet profondi dwar

dan l-aspett tal-hajja matrimonjali, u jidher illi meta sar id-diskors, sar b'mod superficjali u l-konvenuta ma tat l-ebda indikazzjoni li kellha xi oggezzjoni f'dan ir-rigward. Jirrizulta illi kien hemm qbil bejn il-kontendenti illi kellhom jistennew perijodu ta' madwar sena wara li jizzewwgu qabel ma jkollhom it-tfal.

Illi l-istess perit legali kompliet tghid li jidher ukoll illi l-ewwel zmien wara z-zwieg kien wiehed pjuttost kalm – ma jidhirx illi l-partijiet kellhom xi problemi serji fl-ewwel sentejn taz-zwieg taghhom, minkejja l-fatt illi diga` l-intimita` ta' bejniethom kienet naqset xi ftit. Dan jidher li kien dovut principalment ghall-fatt illi l-konvenuta bdiet kors ta' studju peress illi xtaqet tibda karriera fit-turizmu.

Illi gie konstatat li l-problemi l-kbar bdew jinqalghu meta ghaddiet l-ewwel sena taz-zwieg u l-attur beda jipprova jikkonvinci lill-konvenuta sabiex ikollhom it-tfal. Jidher illi l-konvenuta ghall-ewwel ipprovat iggib skuza wara ohra, l-aktar billi kienet tghid illi s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom ma kinitx tippermettilhom illi jkollhom tfal. B'danakollu, aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar beda johrog car il-fatt illi l-konvenuta ma kellha ebda xewqa li jkollha t-tfal, kif eventwalment stqarret hija stess, u sahansitra bdiet taghmel dak kollu possibli sabiex dan ma jsehhx. Effettivament mhux talli jirrizulta illi, *ad insaputa* ta' zewgha, il-konvenuta bdiet tiehu l-*contraceptive pill* li hija maghrufa bhala l-aktar mezz efficjenti ta' kontracezzjoni, izda sahansitra kienet taghmel minn kollox biex l-att sesswali

ma jigix kompletament biex b'hekk verament tassigura ruhha li ma tinqabadx tqila. Dan juri kemm verament kienet determinata l-fehma tal-konvenuta illi teskludi t-tfal miz-zwieg.

Illi ma hemm l-ebda dubju la fl-opinjoni tal-espert legali u lanqas ta' din il-Qorti, almenu mill-provi prodotti, illi dan kien effettivament il-fattur illi ddisturba kompletament il-hajja mizzewga u wassal ghad-deterjorazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet, tant illi bdew jinqalghu hafna argumenti, li wasslu ghall-birda notevoli u eventwali separazzjoni bejn il-partijiet, originarjament *de facto* meta l-konvenuta marret tghix fil-villeggjatura l-Mellieha, u sussegwentement, ftit xhur wara, separazzjoni legali.

Illi b'referenza partikolari ghall-karattru tal-konvenuta, irrizulta mill-provi illi hija kellha minn dejjem biza' kbir mit-tbatija li ggib maghha it-tqala. Dan jidher li kien l-aktar dovut ghall-fatt illi meta kellha biss sittax (16)-il sena, u ghalhekk f'perjodu ferm sensittiv ghall-izvilupp psikologiku u emottiv taghha, hija kienet tilfet habiba tal-qalb taghha li kienet mietet waqt il-hlas. Dan certament illi kien fattur determinanti f'hajjet il-konvenuta, li, kif stqarret hija stess, ma hallihiex tizviluppa sentimenti materni u eventwalment immanifesta ruhu fi skuzi ohra sabiex tiggustifika l-eskluzjoni ta' l-ulied minn hajjitha. In-nuqqas ta' sentimenti materni li tilmenta minnu l-istess konvenuta huwa korroborat mix-xiehda prodotti illi kkonfermaw l-attitudini aggressiva w arroganti taghha f'dak li ghandu x'jaqsam

mal-koncepiment u l-ulied – fattur illi wkoll jindika illi l-eskluzjoni ta' l-ulied da parti taghha kienet profonda u sinciera.

Illi ghalhekk l-istess perit legali Dr. Ramona Frendo kkonkludiet f'dan is-sens:-

*"Illi ma jezisti l-ebda dubbju wkoll illi tali eskluzjoni ta' l-ulied kienet tezisti anke fil-mument illi l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg u dan peress illi jidher car illi l-fattur essenzjali li ddetermina tali eskluzjoni kien il-mewt ta' habibitha, kif ga` nghad'.*

Illi kif tajjeb osservat l-istess perit legali illi *"ghalkemm huwa minnu illi l-attur jilmenta illi dan kollu kien ad insaputa tieghu, b'danakollu wiehed ma jistax ma jikkummentax illi effettivament, kien ingenwu l-istess attur illi ma rrejalizzax b'dina l-problema, meta jidher illi kien jaf bit-trawma psikologika illi kienet soffriet il-konvenuta meta tilfet lil habibitha kif ga` nghad. L-attur messu allarma ruhu meta ra l-attitudini superficjali illi kienet tiehu l-konvenuta fid-diskussjonijiet rarissimi illi kellhom dwar it-tfal* qabel iz-zwieg*. B'danakollu, il-konkluzjoni ta' l-esponenti hija bazata fuq il-fatt illi l-konvenuta kienet eskludiet l-ulied – element essenzjali tal-hajja mizzewga, u mhux fuq kunsiderazzjonijiet ta' habi ta' xi kwalita` essenzjali, u ghalhekk il-fatt dwar jekk l-attur kienx konsapevoli ta' tali eskluzjoni da parti ta' martu jew le, mhux daqstant rilevanti.*

**D. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT FUQ IL-PROVI PRODOTTI U STABBILITI.</u>**

Illi ghalkemm ma saret l-ebda referenza espressa ghad-disposizzjonijiet legali li fuqhom l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fic-Citazzjoni, jidher illi l-istess talba hija bazata fuq l-**Artikoli 19(1) (d)** u **(f)** tal-**Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

**(i) <u>L-ARTIKOLU 19(1)(D)</u>**

Illi kif inghad l-**artikolu 19(1)(d)** tal-**Kap. 255** jipprovdi li z-zwieg ikun null jekk: -

"*il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi l-attur, fic-citazzjoni tieghu, jippretendi illi l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Il-provi f'dan il-kuntest jidher illi huma relattivi ghal zewg fatturi, senjatament, fl-ewwel lok, il-fatt illi l-partijiet jidher illi effettivament ma tantx kienu jikkomunikaw bejniethom fiz-zwieg minhabba illi l-konvenuta fi ftit zmien bdiet tiddedika hafna hin ghall-istudu, u fit-tieni lok, il-kwistjoni ta' l-attitudini tal-konvenuta ghat-trobbija ta' l-ulied.

Illi jidher car mill-kumpless tal-provi li l-attur mhux qed jallega illi l-konvenuta kienet issoffri minn xi anomalija psikologika, izda qed jallega biss difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-awturi jikkondividu illi l-kuncett ta' "*diskrezzjoni ta' gudizzju*" jikkomprendi zewg elementi u cioe` l-maturita` ta' l-intellett u l-maturita` tal-volonta`, u jirrikjedi l-maturita` intellettwali da parti ta' l-individwu illi jaghti l-kunsens ghaz-zwieg u li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-Qrati taghna dejjem irritenew illi dan jirrikjedi: -

(a) element ta' *conceptual knowledge* u cioe` illi l-individwu jkollu kuncett baziku tan-natura u l-oggett taz-zwieg, ta' l-ghanijiet essenzjali tieghu u d-drittijiet u l-obbligi minnu naxxenti; u

(b) element ta' *evaluative knowledge* u cioe` illi, fil-mument tal-kunsens, l-individwu jkun japprezza sostanzjalment x'jikkomporta z-zwieg, bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tieghu.

Inoltre, il-Qrati taghna fis-sentenza **" Simon Farrugia vs Gladys Farrugia"** (P.A. (N.A). 25 ta' Jannar 1999) rritenew illi:

*"Id-difett irid ikun <u>serju</u> u mhux difett legger illi ma jiddeterminax u ma jeffetwax il-kunsens".*

Illi f'dan il-kaz, l-perit legali hasset, u f'dan l-aspett din il-Qorti tikkondividi l-istess hsieb, li l-komportament lamentat

mill-kontendenti, konsistenti fin-nuqqas ta' komunikazzjoni u hajja komuni bejniethom, effettivament ma kienx dovut ghal nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Effettivament, jidher illi z-zewg partijiet kienu persuni ta' intelligenza u maturita` medja jew oltre. It-tnejn kienu jafu dak illi jikkomporta z-zwieg, fl-elementi kollha tieghu. In-nuqqas fl-agir tal-konvenuta ma kienx wiehed dovut ghal xi nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, kif rikjest fil-gurisprudenza nostrana. Huwa minnu illi l-konvenuta kienet tixhet l-attenzjoni u l-energija kollha taghha fid-dar qabel iz-zwieg u fl-istudju wara z-zwieg. B'danakollu, dan ma kienx dovut, fil-fehma ta' l-esponenti, ghal nuqqas ta' maturita` intellettwali jew volittiva, izda kien biss tentattiv sub-konxju jew sahansitra inkonxju, da parti ta' l-istess konvenuta sabiex tahrab mill-possibilita` illi jkollha l-ulied, u tipprova tiggustifika oggettivament dina l-eskluzjoni da parti taghha – eskluzjoni naxxenti minn trauma psikologika profonda sofferta snin qabel iz-zwieg izda li mmarkat l-izvilupp psikologiku u emottiv ta' l-istess konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess perit legali kkonkludiet illi f'dan il-kaz ma jirrizultax illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li kienu jaghmluha impossibli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Din il-Qorti taqbel ma tali konkluzjoni u ghalhekk taddottaha in pjen.

**(ii) <u>L-ARTIKOLU 19(1)(F)</u>**

Illi l-**artikolu 19(1)(f)** tal-**Kap. 255** jiddikjara illi zwieg ikun null jekk: -

"*il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi l-attur, fic-citazzjoni tieghu, jallega illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tieghu, u li ghalhekk hija ssimulat il-kunsens taghha ghaz-zwieg *de quo*.

Illi ghalkemm il-Ligi taghna ma tiddefinixxix x'jikkostitwixxi l-elementi essenzjali taz-zwieg, il-Qrati taghna rritenew illi dawn il-kwalitajiet essenzjali jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja mizzewga, l-indissolubilita`, il-fedelta` u l-prokreazzjoni tat-tfal.

Illi l-element tal-prokreazzjoni ta' l-ulied dejjem gie meqjus mill-Qrati taghna bhala element fundamentali fil-hajja matrimonjali tant li fis-sentenza **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (NA) 10 ta' Novembru 1999) inghad li:-

*"Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* (*vide:* **"E vs F"** (P.A. l-1 ta' Lulju 1994).

Illi konsegwentement, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens u jgib mieghu n-nullita` taz-zwieg nnifsu. Tant huwa essenzjali l-*bonum prolis* illi sahansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **"Elizabeth Zammit nee Consiglio vs John Zammit"** (P.A. 14 ta' Marzu 1986), il-Qorti rriteniet illi z-zwieg kien null peress illi l-konvenut dahal ghaz-zwieg bil-kundizzjoni ta' l-eskluzjoni ta' l-ulied jekk l-attrici ma tibdilx il-karattru taghha.

Illi fattur essenzjali f'dan il-kaz huwa l-fatt illi l-konvenuta jidher illi ma ddikjaratx espressament l-eskluzjoni ta' l-ulied qabel iz-zwieg taghha ma' l-attur. B'danakollu, dan ma jostax il-konkluzjoni illi effettivament hija kienet issimulat il-kunsens taghha parzjalment, stante illi kif inghad fis-sentenza **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia"** (P.A. 11 ta' Ottubru 1999) gie affermat li: -

*"l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi kif inghad ukoll fil-kawza **"Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Marzu 1995) l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu tista' tkun implicita. F'dak il-kaz, il-Qorti kkwotat

favorevolment lil **Castano** li ddefinixxa l-eskluzjoni posittiva bhala "*un atto posittivo di volonta`*", izda mbaghad kompla jelucida:-

"*Pero` l'atto posittivo della volonta` non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente… puo` essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo da comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto".*

Illi effettivament, kif diga` gie rimarkat, l-agir tal-konvenuta kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, ma jhalli l-ebda dubju dwar l-eskluzjoni taghha ta' l-ulied. Qabel iz-zwieg, apparti l-biza' illi kellha rigward il-hlas, kien car il-fatt illi l-konvenuta kienet dizinteressata ghall-ahhar dwar l-ulied. Wara z-zwieg imbaghad, mill-ewwel ikkoncentrat l-attenzjoni kollha taghha fuq l-istudju f'forma ta' eskejpizmu car mir-realta` li kienet qed tiffaccja u mid-domandi persistenti ta' zewgha sabiex jibdew familja. Dan apparti l-fatt illi hija kienet ferm aggressiva fl-attitudini taghha ta' eskluzjoni ta' l-ulied wara z-zwieg, kif kien jidher car u lampanti ghall-familjari taghha mid-diskors li kienet tghid, u ghal zewgha mill-agir taghha f'mumenti ta' intimita` sesswali. Oltre minn dan, ovvjament, il-konvenuta hadet ukoll il-prekawzjoni doppja illi tuza' l-*contraceptive pill* – fattur li certament ma jhalli l-ebda dubju dwar l-eskluzjoni da parti taghha ta' l-ulied.

Illi ghalhekk l-istess perit legali kkonkludiet *"li in vista ta' dan, jirrizulta mill-imgieba tal-konvenuta illi effettivament hija eskludiet element essenzjali tal-hajja matrimonjali, u ghalhekk il-kunsens taghha kien simulat b'mod illi jgib mieghu n-nullita` taz-zwieg de quo".*

*"Illi ghaldaqstant, fl-umili fehma ta' l-esponenti, jirrizulta soddisfacentement ppruvat illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Mejju 1995, kien null u bla ebda effett fil-Ligi stante illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva ta' element essenzjali tal-hajja mizzewga u cioe` l-prokreazzjoni ta' l-ulied ai termini ta' l-* ***artikolu 19(1)(f)*** *tal-**Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**".*

Illi din il-Qorti taddota fl-interita' taghhom l-konkluzjonijiet tal-gharfa perit legali Dr. Ramona Frendo, kemm ghall-mod kif gew zviluppati u kemm ghall-mod li rabtet il-principji legali korrettament mal-provi quddiema esposti, u mill-punt legali tafferma l-istess principji fuq enuncjati u tikkonferma li l-Ligi fl-**artikolu 19(1)(f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matnimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilt iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u

trobbija ta'l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta' w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' ikun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita` ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita` vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, a mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi."* (**O. Giacchi - *Il Consenso Matrimoniale Canonico)***

Illi ghalhekk fir-rigward ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens".

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ippruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att posittiv*

*tal-volonta' tiehhu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu"*

.

Illi kif gie ritenut fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi kif sostniet il-Qorti fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet kontendenti fis-7 ta' Mejju, 1995 huwa null u minghajr effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2002**